MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Numru. 70/2005

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca u Sp Anthony Portelli)
vs
Michael Camilleri, iben Gerald, imwieled Paola fil-5 ta' Jannar, 1962
u
Christopher Dimech, iben Francis, imwieled Pieta' fil-25 ta' Settembru, 1975
u
Gino sive George Zammit, iben Anthony, imwieled tas-Sliema fit-2 ta' April, 1966

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati –

1. talli fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ Jannar, 2005, ikkomettew serq ta’ kwantita’ ta’ laħam tal-friza li jammonta għal aktar minn Lm3,000, kif ukoll serq ta’ somma ta’ flus ta’ aktar minn Lm250 fi flus kontanti mill-fabbrika ‘Pisani Cold Stores’, Triq Prince Albert, Marsa, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi Lm1,000 u li sar għad-dannu tas-sidien ta’ l-imsemmija fabbrika;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi kkomettew serq ta’ van ta’ l-għamla Isuzu NKR, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCF 637, li huwa stmat li jiswa aktar minn Lm1,000, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu tas-sidien ta’ l-imsemmija fabbrika;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassru għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tiskorri l-Lm50 iżda anqas minn Lm500 u li saret għad-dannu tas-sidien ta’ ‘Pisani Cold Sores’;
4. talli fil-25 ta’ Jannar, 2005 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, u cioe’ laqgħu għandhom ammont ta’ laħam tal-friza rappurtati misruqa mill-fabbrika ‘Pisani Cold Stores’, Triq Prince Albert, Marsa u dan sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħawhom jew imexxuhom.
5. lil Michael Camilleri, waħdu – talli sar reċidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta’ mejju, 2000 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta’ Awwissu, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub -
fil-konfront ta’ Christopher Dimech u Gino sive George Zammit:
a. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 325 u 334 tal-Kodiċi Kriminali;
fil-konfront ta’ Michael Camilleri:

a. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 325 u 334 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar, 2006 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' jannar, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tar-raba' akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta' Christoopher Dimech u Gino sive George Zammit. Rat l-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278, 279 u 325 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta' €1,200 danni, kull wieħed minnhom, lis-soċjeta' J & C Pisani Limited fi żmien sitt xhur mil-lum. Fil-konfront ta' Michael Camilleri. Rat l-artikoli 49, 50, 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278, 279 u 325 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-

lum.  Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €1,200 danni lis-soċjeta’ J & C Pisani Limited fi żmien sitt xhur mil-lum.  Minbarra dan, rat l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah li jħallas multa ta’ €1,165. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta’ €420 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------